**Minuti tal-Laqgħa nru 48 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.25 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.15 | 9.15 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.00 | 8.00 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.00 | 9.15 |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.05 | 9.15 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.20 | 9.15 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.20 | 9.15 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 | 9.15 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.35 | 8.10 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.25 | 9.15 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | skużat | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | skużata | - |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsillieri John Mary Camilleri u Nicola Fenech Adami kienu bagħtu komunikazzjoni fejn qed jitolbu li jiġu skużati milli jattendi. Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunsillieri konċernati.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Nru 46 u 47**

1.01 Il-Minuti ttieħdu bħala moqrija. Is-Sindku staqsa lil dawk preżenti jekk xtaqux iressqu xi emendi.

1.02 Il-Kunsillier Demartino qal li fil-minuti tal-laqgħa numru 46 f' para 9.03, l-aħħar parti tas-sentenza għandha tiġi emendata kif ġej – jiġifieri li jingħataw tlett midalji lil tlett persuni, u mhux kif ken qed jiġi ssuġġerit.

1.03 Fl-istess minuti il-Kunsillier Farrugia ġibdet l-attenzjoni li hija kienet waslet għal-laqgħa fit-8.30pm u mhux kif kien qed jidher fis-7.30pm

1.04 Is-Sindku qal li fil-minuti tal-laqgħa numru 47 f' para 1.01 xtaq li fit-tieni linja wara l-kelma straordinarji jiżdiedu l-kliem – peress li dan il-ġieħ ma ngħatax is-sena l-oħra, f' linja 6, wara l-kelma Mosta, jiżdiedu l-kliem – fil-qasam sportiv, f' linja 7, wara l-kelma ħajjithom, jiżdiedu l-kliem – matul l-aħħar sena, u f' linja 8, wara l-kelma kollha, jiżdiedu l-kliem fil-qasam tal-mużik Jazz.

1.05 Dawk preżenti qablu li jiddaħħlu dawn l-emendi, u minħabba li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati kif emendati. Il-minuti tal-laqgħat preċendenti ġew approvati minn dawk preżenti.

**2.00 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Minħabba li ma kienx hemm tagħrif mill-minuti, is-Sindku għadda għall-item li kien imiss fuq l-aġenda.

**3.00 Korrispondenza**

3.01 Giet preżentata lista ta' 21 ittra/email – liema lista tqassmet ukoll lill-Kunsillieri kollha. Inqraw l-ittri u l-emails kollha, u ġiet immarkata l-azzjoni li kellha tittieħed fuq kull korrispondenza skont il-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Il-Kunsillier Farrugia ssuġġeriet li għandha titwaħħal bozza ġdida fi Triq il-Leġġenda kantuniera ma' Triq l-Inkurunazzjoni – din ġiet approvata.

3.03 Is-Sindku ppropona wkoll li ssir bozza ġdida fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira, qabel ma wieħed jasal għar-roundabout fid-direzzjoni tan-Naxxar – din ukoll ġiet approvata.

3.04 Il-Kunsill approva wkoll li ssir bozza fuq arblu fi Triq Antonio Meruzzi kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza.

**4.00 Materji Finanzjarji**

4.01 Il-Kunsill approva lista ta' pagamenti urġenti li jammontaw għal ewro 17,098.84 u lista oħra ta' ħlasijiet li tammonta għal ewro 103,689.40.

4.02 Il-Kunsillier Farrugia ġibdet l-attenzjoni għal item 27 dwar ħlas dovut lil kumpanija Med Design li jammonta għal 20,580.00 u talbet li dan jiġi ċċekkjat minħabba li jista' jkun li dan l-ammont ma kienx korrett.

4.03 Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni wkoll għal item 61 fejn hemm imniżżel l-isem ta' Anton Zarb filwaqt li l-kolonni huma vojta. Il-Kunsill talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċekkja dawn iż-żewġ items.

4.04 Is-Sindku rrefera għall-Management Letter li kien ircieva l-Kunsill, u għar-risposta li kienet ġiet formulata minnu flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, u li kienet intbagħtet ma' l-aġenda. Huwa staqsa għal xi kummenti minn dawk preżenti u minħabba li ma kien hemm ebda kummenti, talab li din ir-risposta tiġi approvata sabiex din tkun tista' tintbagħat. Il-Kunsill approva r-risposta kif preżentata..

4.04 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrefera għal xi kontijiet pendenti li l-Kunsill jidher li għandu dwar xi xogħol ta' patching tat-toroq. Hu qal li skont il-kutrattur, dan għandu jieħu madwar ewro 82,000. Hu qal li kien talab li ssir riċerka ħalli naraw eżattament dan il-kuntrttur x' kellu jieħu, meta saru dawn ix-xogħlijiet, u wkoll liema kienu dawk ix-xogħlijiet li huma ċertifikati mill-perit. Gibed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill għal fatt li fil-budget tas-sena kurrenti il-Kunsill kien ivvota s-somma ta' ewro 9,900 għal xogħol ta' patching.

4.05 Il-Kunsill rċieva kont dwar xi ħsarat li resident ġarrab meta kien qed isir ix-xogħol fuq Triq l-Antinni. Is-Sindku qal li dan l-kont kellu jitħallas mill-kuntrattur li kien qed jagħmel dan ix-xogħol.

**5.00 Tender dwar Servizz ta' Accountant għall-Kunsill**

**6.00 Tender dwar Polza ta' Assikgurazzjoni għall-Kunsill**

**7.00 Tender dwar Gbir ta' Skart Domestiku**

**8.00 Tender dwar Knis tat-Toroq**

**9.0 Tender dwar Xogħol ta' Patching ta' Toroq**

Is-Sindku qal li minħabba li l-Perit Alfred Grech ma setax jattendi għal din il-laqgħa t-tenders li jidhru hawn fuq għandhom jitħallew għal seduta oħra, meta jkun preżenti l-Perit Grech li kien il-persuna li ħa ħsieb ilesti r-rapporti. Huwa qal li jekk il-Perit ikun disponibbli din il-laqgħa kellha ssir il-ġimgħa ta' wara.

Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku..

**10.00 Virement tal-Budget – Re: Youth Empowerment**

10.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien intalab mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jara kif il-Kunsill seta' jiffinanzja s-servizz ta' Ms Anna Grech, u dan sakemm jinħareġ u jingħata t-tender. L-Aġent Segretarju kompla jgħid li wara li hu kien bagħat il-kalkoli li kien għamel, kien ġie nfurmat mid-dipartiment li għalissa Ms Grech setgħet tibqa' titħallas mill-flus li kien għad fadal fil-vot li kien hemm apposta għal dan il-għan, u li f' każ li l-flus ma jservux allura l-Kunsill ikollu japprova li jsir virement mill-vot tal-personal emoluments, u dan kif kien ġie propost mis-Sindku fil-laqgħa tal-Kunsill.

10.02 L-Aġent Segretarju nforma lilll-Kunsill li t-tender għal Servizz ta' Youth Worker għal Mosta Youth Empowerment Centre kien inħareġ u li d-data tal-egħluq kienet fis-8 ta' Novembru 2010.

**11.00 Affarijiet Oħra**

11.01 Il-Kunsillier Sammut talab il-permess tal-Kunsill sabiex isir użu mis-Sala tal-Komunita` sabiex nhar iż-17 ta' Novembru 2010 issir attivita` għall-anzjani, u sabiex fit-3 ta' Diċembru jerġa' jsir użu tas-sala sabiex issir quddiesa u attivita` għall-anzjani u persuni b' diżabilta`. Hu qal li dawn l-attivitajiet kienu ser jiġu sponsorjati.

11.02 Il-Kunsillier Agius informa lill-Kunsill li bħal snin oħra l-Kunisll kien ser jorganizza l-wirja tal-għasafar li għaliha junu mistiedna jieħdu sehem nies mill-lokalita`. Hu qal li din l-attivita` ser issir fis-Sala tal-Komunita` f' Diċembru li ġej. Hu talab il-kunsill sabiex japprova x-xiri ta' tlett kaxxi kukkardi li jammontaw għal ewro 864.00. u qal li l-mmont ta' kukkardi għandu jservi għal xi sentejn jew tlieta. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għax-xiri ta' dawn il-kukkardi. Il-Kunsillier Agius qal li kien ser isib sponsors sabiex ikun jista' jagħmel reception kif ukoll sabiex jinxtraw il-premjijiet għar-rebbieħa. L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsill li invista tal-ittra li l-Kunsill kien irċieva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ċertu nfieq, kien ser jitlob direzzjoni dwar dan l-item.

11.03 Is-Sindku qal li kien ta struzzjonijiet sabiex jinħareġ it-tender dwar it-tiżjin tat-toroq għal żmien il-Milied. Id-data tal-egħluq ta' dan it-tender kienet iż-17 ta' Novembru fl-10.00am.

11.04 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-bord dwar l-għażla tal-iskivani l-ġodda kellu jkun magħmul minnu, mill-Kunsillieri Mario Sammut u Shirley Farrugia u mis-Sur Joe Cristina. Il-Kunsill approva l-kompożizzjoni ta' dan il-bord.

11.05 Is-Sindku talab ukoll għall-approvazzjoni ta' xiri ta' xkaffar għal-librerija li jammonta għal ewro 250.00 u dan minħabba nuqqas ta' spazju. Dan ġew approvati. Is-Sindku nforma wkoll li fuq inizjattiva tas-Sinjura Cacopardo Marjani, id-diriġeni tal-vapur MV Logos kienu għamlu donazzjoni ta' kotba għal-librerija. Huwa f' isem il-Kunsill irringrazzjaha tal-inizjattiva li kienet ħadet.

11.06 Il-Kunisllier Farrugia talbet sabiex tara l-kontijiet li kienu saru dwar ix-xogħolijiet fuq Triq l-Antinni u Triq il-Wied. Is-Sindku stieden lill-Kunisllier Farrugia sabiex meta trid tasal sal-Kunsill u tara l-informazzjoni li riedet.

11.07 Il-Kunsill qabel ukoll li matul is-sena d-dieħla tinbidel is-sistema tat-telephones tal-Kunsill, li jinxtraw computers ġodda flok dawk li għandu l-Kunsill fil-preżent u li jinxtraw ukoll xi xkaffar sabiex il-filing ikun jista' jsir aħjar u b' aktar ordni. Il-Kunsill qabel li din l-ispiża għandha tiddaħħal fil-budget tas-sena d-dieħla.

11.08 Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier Sammut jieħu post il-Kunsillier Fenech Adami, u dan minħabba li din kienet irriżenjat minn fuq il-kumitat dwar il-ground tal-Lejba. Il-Kunsill approva. Is-Sindku talab ukoll sabiex jara l-kuntratt li kien hemm dwar il-management ta' dan il-ground.

11.09 Il-Kunsill qabel ukoll li ma jibqgħux jinxtraw il-ġurnali kollha, iżda tibqa' tinxtara biss The Malta Independent.

11.10 Il-Kunsillier Demartino staqsa dwar x' kien ġara mill-bus shelter fi Triq il-Konstituzzjoni, ftit l-isfel mix-showroom tal-Fitwell. Is-Sindku qal li kienet saret l-applikazzjoni meħtieġa.

11.11 Is-Sindku talab sabiex naraw jekk il-ħaddiema li l-kunsill kellu miegħu, u li kienu mpjegati b' kuntratt ta' xogħol, kellhomx polza ta' assigurazzjoni.

11.12 Is-Sindku qal li wara li kien sar x-xogħol fuq Triq l-Antinni, parti minn Triq id-Dawr u Triq il-Wied, il-Kunsill kien għad fadallu madwar ewro 30,230 u għalhekk qed jipproponi li jsir xogħol ta' curvert fi......*.. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u għalhekk talab li ssir stima dwar dan il-culvert.

11.13 Dwar il-mistoqsija parlamentari (19584) li kienet saret xi ġimgħat qabel, dwar proposta ta' tismija ta' triq għall-vittmi tal-kmamar tan-nar, dawk preżenti ma qablux ma din il-proposta.

Il-laqgħa spiċċat fi d-9.15p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv

* triq l Antinni Stms. A